

Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol

Rapport Annwali 2012 Sommarju



Aġenzija Ewropea
għas-Saħħa u s-Sigurtà
fuq il-Post tax-Xogħol



***Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib tweġibiet
għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea.***

**Numru tat-telefown waħdieni bla ħlas (*):
00 800 6 7 8 9 10 11**

(* L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet. Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (<http://europa.eu>).

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2013

ISBN: 978-92-9240-056-9

ISSN: 1977-2564

doi: 10.2802/54039

© Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, 2013
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

Fi sfond ta' żminijiet ekonomiċi diffiċli, b'ħafna organizzazzjonijiet affettwati mit-tnaqqis fl-ispiża tal-gvern, l-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (l-Aġenzija) kompliet tippromwovi l-importanza ta' saħħa u sigurtà tajba fuq il-post tax-xogħol (OHS) għan-negozji ta' kull daqs. Bdiet ukoll tħares 'il quddiem, billi tat bidu għall-iżvilupp ta' programm strateġiku multiannwali għall-ġejjieni tagħha.

1. Ġbir u analiżi tal-informazzjoni

L-Osservatorju Ewropew tar-Riskji

L-2012 rat it-tlestija tal-ewwel wieħed mill-[proġetti Foresight](#) ewlenin tal-Aġenzija, li jantiċipa r-riskju għal żmien twil assoċjat mal-qasam li qiegħed jikber b'mod rapidu tal-impjegi "ekoloġiċi". Billi jiġu żviluppanti xenarji ta' x'jista' jiġri fil-kuntest ta' ċerti żviluppi teknoloġiċi jew bidliet fis-soċjetà, u l-implikazzjonijiet ta' dawn il-bidliet fuq l-OHS, l-għan huwa li jiġi stimulat id-dibattitu u li jintwerew biċ-ċar l-implikazzjonijiet ta' strateġiji ta' azzjoni partikolari lid-deċiżuri.



fastidju.

Matul l-2013 ser jiġu ppubblikati [rapport](#) u [sommariju](#) finali tal-proġett intitolat "L-impjegi ekoloġiċi u s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol: Tbassir tar-riskji ġodda u dawk li qiegħdin jiżviluppaw li huma assoċjati ma' teknoloġiji ġodda sal-2020".

Proġett ieħor mill-proġetti ewlenin tal-Aġenzija kien l-[Istħarriġ Ewropew tal-Intrapriżi dwar ir-Riskji l-Ġodda u dawk li qiegħdin Jiżviluppaw \(ESENER\)](#), li, għall-ewwel darba, tana stampa f'ħin reali dwar kif xi wħud mir-riskji importanti fuq il-post tax-xogħol qiegħdin jiġu ttrattati fl-Ewropa, speċjalment ir-riskji psikosoċjali bħall-istress relatat max-xogħol, il-vjolenza u l-

L-attenzjoni issa tressqet fuq l-analiżi sekondarja tad-dejta li ħarġet mill-istħarriġ, bil-pubblikazzjoni ta' erba' rapporti u [sommariju](#) fl-2012: "[Il-ġestjoni tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol](#)", "[Ir-rappreżentazzjoni tal-ħaddiema u l-konsultazzjoni fir-rigward tas-saħħa u s-sigurtà](#)", "[Il-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol](#)", u "[L-ixpruni u l-ostakoli għall-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali](#)". Ġiet approvata t-tieni ESENER, b'kopertura li testendi għal organizzazzjoni iżgħar, is-settur agrikolu u aktar pajjiżi.

Proġett ieħor wassal għal rapport ġdid tal-Aġenzija intitolat "[Il-perċezzjoni tar-riskju u l-komunikazzjoni tar-riskju fir-rigward tan-nanometerjali fuq il-post tax-xogħol](#)", li jenfasizza n-nuqqasijiet fl-għarfien tagħna tar-riskji potenzjali involuti fl-immaniġġjar tan-nanomaterjali – materjali bi skala żgħira ħafna.

Fl-2013 kompli wkoll ix-xogħol fuq it-tnejja tat-tnedija tal-OHSwiki billi żdiedu artikli fuq suġġetti importanti li huma rilevanti għall-programm ta' ħidma tal-Aġenzija.

Informazzjoni dwar l-Ambjent tax-Xogħol

Matul is-sena ġew ippubblikati għadd ta' [gwidi prattiċi u skedi informattivi](#) bħala appoġġ għall-[Kampanja dwar il-Postijiet tax-Xogħol li jġibu 'l quddiem is-Saħħa](#), intitolati "Naħdmu flimkien biex nevitaw ir-riskji". Dawn jinkludu żewġ pubblikazzjonijiet, imħejjija flimkien mal-Konfederazzjoni Ewropea tat-Trade Unions (ETUC) u l-BUSINESSEUROPE, il-[parteċipazzjoni tal-ħaddiema](#) u t-[tmexxija maniġerjali](#) fir-rigward tal-OHS. Barra dan, sar rapport li jeżamina kif il-prattiki ta' tmexxija tajba jistgħu jmessu 'l quddiem aħjar [l-imġiba tal-OHS fost l-impjegati](#), studju ta' valutazzjoni ta' każi jistħarreġ il-[prattiki ta' parteċipazzjoni tal-ħaddiema](#) u studju ieħor jagħti daqqa t'għajn lejn il-modi li bihom l-organizzazzjonijiet jistgħu jmessu 'l quddiem [l-OHS fil-katini ta' provvista tagħhom](#).

Beda wkoll ix-xogħol fuq it-tnejn tal-kampanja 2014-15 li ser tikkonċentra fuq ir-riskji psikosoċjali u b'mod partikolari fuq is-soluzzjonijiet u l-għodod prattiċi li jistgħu jitħaddmu fil-ħidma fuq din il-kwistjoni. Fl-2012 l-Aġenzija għamlet stħarriġ dwar il-punti fokali nazzjonali biex issir taf x'appoġġ jeħtieġu fir-rigward tal-kampanji, u r-riżultati tal-istħarriġ għenu biex jiffurmaw il-prodotti li qegħdin jiġu żviluppanti f'dak li jmiss.

L-[għodda ta' Valutazzjoni interattiva tar-Riskji fuq l-Internet \(OiRA\)](#) tagħti b'mod partikolari lill-mikro-intrapriżi u lill-impriżi żgħar mezz sempliċi u bla ħlas li bih jistgħu jagħmlu l-eżerċizzji tal-valutazzjonijiet tar-riskji. Sa mit-tnedija tal-OiRA fl-2011, l-Aġenzija kompliet tiżviluppa l-għodda, tagħmilha aktar faċli biex tintuża mill-utent, żviluppat komunità tal-OiRA (toffri taħriġ u helpdesk iddedikat), u tmexxi 'l quddiem l-użu u l-addattament tal-OiRA għal setturi industrijali speċifiċi. Qegħdin jiġu żviluppanti moduli tal-OiRA ġodda b'rabta mar-riskji psikosoċjali, l-attivitajiet ta' manutenzjoni relatati mar-riskji u x-xogħol fl-uffiċċji.

Il-[Promozzjoni tas-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol \(WHP\)](#) titlob li l-impjegaturi jmorru lil hinn mill-obbligi stretti tas-saħħa u sigurtà tagħhom, biex jippruvaw jgħinu fit-titjib tas-saħħa tal-ħaddiema. L-2012 rat il-pubblikazzjonijiet dwar [l-WHP fost il-ħaddiema żgħażaġħ](#), [il-promozzjoni tas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol](#), u [l-kwistjonijiet marbuta mal-familja u l-bilanċ bejn ix-xogħol/il-ħajja](#), kif ukoll il-fatti-e bħala appoġġ ta' kampanja żgħira ta' sensibilizzazzjoni dwar id-dħaħen tat-tabakk fl-ambjent: ["It-tabakk: pariri għal min ipejjeq dwar l-effetti fuq is-saħħa"](#), ["It-tabakk: pariri għal min ma jpejjeqx dwar l-effetti fuq is-saħħa"](#), u ["It-tabakk: pariri għall-impjegaturi dwar il-ħolqien ta' ambjent tax-xogħol ħieles mid-dħaħen"](#). Ġew finalizzati wkoll żewġ studji fuq id-dokumentazzjoni dwar il-fatturi li jimmotivaw kemm lill-[impjegaturi](#) kif ukoll lill-[impjegati](#) biex jieħdu sehem fl-iskemi tal-WHP. L-Aġenzija kienet ukoll qiegħda tieħu sehem fil-grupp ta' esperti tal-WHP li għandu l-għan li jestendi l-proġett tal-WHP għal approċċ aktar mifruq għall-benessri fuq il-post tax-xogħol.



Bħala parti mill-proġett tagħha li għaddej bħalissa b'rabta mal-integrazzjoni jew il-["mainstreaming" tal-OHS fl-edukazzjoni](#), l-Aġenzija ppubblikat [skeda informattiva](#) u sensiela ta' studji fuq każi (intitolati ["Inħarrġu lill-għalliema biex iwasslu edukazzjoni dwar ir-riskju - Eżempji ta' implimentazzjoni tal-OHS fil-programmi ta' taħriġ tal-għalliema"](#)), dwar Prattika tajba fit-taħriġ tal-għalliema fl-OHS, u fit-twassil tal-edukazzjoni dwar ir-riskju.

Fl-2012 l-Aġenzija bdiet it-tnejn għal proġett pilota ta' EUR 2 miljuni fuq l-OHS ta' ħaddiema anzjani, biex tgħarraf il-proċess tal-iżviluppi fil-politiki u tagħti eżempji ta' strateġiji u prattiki tajba

biex tgħin lill-ħaddiema anzjani jibqgħu f'saħħithom. Dan il-proġett huwa ppjanat li jibqa' għaddej sal-2015.

2. Komunikazzjoni, kampanji u promozzjoni

Il-[Kampanja dwar il-Postijiet tax-Xogħol li jgħibu 'l quddiem is-Saħħa għall-2012-13](#), intitolata "Naħdmu flimkien biex nevitaw ir-riskji," tnediet fi Brussell f'April. Il-kampanja tikkonċentra fuq l-importanza tat-tmexxija maniġerjali u l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema fit-titjib tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Ġiet organizzata laqgħa ta' sħubija fi Brussell biex jiġu rreklutati s-sħab uffiċjali fil-kampanja, li involviet aktar minn 100 parteċipant minn firxa wiesgħa ta' organizzazzjonijiet. L-Aġenzija qiegħda tkompli tappoġġja l-punti fokali nazzjonali fl-organizzazzjoni tal-avvenimenti ta' sensibilizzazzjoni tagħhom, permezz tal-Pakkett ta' Assistenza għall-Kampanja Ewropea, filwaqt li ħafna attivitajiet tal-kampanja ġew organizzati matul il-[Ġimgħa Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol](#) f'Ottubru. Rekord ta' **86 sieħeb uffiċjali fil-kampanja** ssieħbu fil-kampanja, li għal darb'oħra hija appoġġjata minn gwida għall-kampanja u firxa ta' [materjali ta' reklamar](#) tradotti f'24 lingwa u mogħtija bla ħlas. Inħadem [film](#) bil-karattru popolari tal-kartuns Napo mill-konsorzju ta' Napo u għall-ewwel darba l-materjal ta' informazzjoni għall-kampanja kien jinkludi [app għall-iPad](#), li diġà għadet interess sostanzjali. Waslu madwar 50 entrata għall-[kompetizzjoni tal-Premijiet għal Prattika Tajba](#).



Sar it-tieni [Stħarriġ Ewropew dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol](#), fejn ittieħdu l-opinjoni ta' aktar minn 35 000 membru tal-pubbliku f'36 pajjiż Ewropew dwar kwistjonijiet kontemporani marbuta mal-postijiet tax-xogħol. Ir-risultati tal-istħarriġ jappoġġjaw għadd ta' attivitajiet tal-Aġenzija, inkluż il-fokus fuq l-istress relatat mal-impjeg.



L-2012 kienet is-[Sena Ewropea għall-Anzjanità Attiva u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet](#). L-Aġenzija ħadet sehem attiv fiha billi qassmet materjal informattiv dwar kif l-impjegati tista' tingħatalhom l-għajnuna ħalli jibqgħu tajbin għax-xogħol tul aktar żmien. Dan kien jinkludi l-[element tal-web għall-Ħaddiema li qegħdin jikbru fl-età](#), u l-artikli relatati [“Promozzjoni tat-tixjiħ attiv fuq il-post tax-xogħol”](#) u [“Ħidma aħjar, għal żmien itwal”](#).

L-Aġenzija ħadet sehem fil-[Jum Dinji Kontra t-Tabakk](#), billi nediet il-[kampanja ta' sensibilazzjoni tagħha “Postijiet tax-Xogħol Mingħajr Dħaħen](#). Żviluppat ukoll għodda u materjali oħra li jgħinu lill-impjegati u lill-ħaddiema jifhmu l-[pittogrammi ġodda ta' periklu għal prodotti kimiċi](#) li qegħdin jiġu introdotti bil-mod il-mod fl-UE. Barra dan l-Aġenzija ppreżentat, għar-raba' sena konsekuttiva, il-[Premju tal-Films għal Postijiet tax-Xogħol li Jgħibu 'l Quddiem is-Saħħa](#) fil-Festival Internazzjonali ta' Leipzig għad-Dokumentarji u l-Films Animati ([DOK Leipzig](#)).

L-Aġenzija kien involuta fi proġett maħsub għall-introduzzjoni ta' għarfien bażiku dwar is-saħħa u s-sigurtà fost it-tfal tal-iskejjel primarji. L-[inizjattiva “Napo għall-għalliema”](#) tellgħet varjetà sħiħa ta' għajnuniet edukattivi għall-għalliema fuq l-internet. Ir-riżorsi (inklużi pjanijiet tal-lezzjonijiet u filmati, li s'issa huma disponibbli b'seba' lingwi) huma bbażati fuq il-karattru tal-kartuns Napo, li jgħin fit-tixrid tal-messaġġ tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol b'mod stimulant.

L-Aġenzija kienet okkupata bl-attivitajiet tal-istampa, il-midja u r-relazzjonijiet pubbliċi fuq il-livelli tal-UE u nazzjonali u nediet [proġett ta' sħubija mal-midja](#) biex takkumpanja l-Kampanja attwali dwar il-Postijiet li jgħibu 'l quddiem is-Saħħa. Komplet tiegħu sehem attiv f'diversi konferenzi u wirjiet Ewropej u internazzjonali. Żviluppat ukoll strateġija onlajn ġdida, fasslet mill-ġdid is-sit elettroniku tagħha, u żiedet il-preżenza tagħha fuq [Twitter](#), [Facebook](#) u [LinkedIn](#).

L-Aġenzija komplet tiżviluppa sħubijiet ta' komunikazzjoni mad-Direttorat Ġenerali għall-Intrapriża u l-Industrija, l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni u n-[Netwerk Enterprise Europe](#). Komplet tesplora l-midja viżwali bħala mezz biex tmexxi 'l quddiem OHS tajba, tarrikkixxi l-librerija ta' assi diġitali tagħha, tikkummissjona l-immaġini u tappoġġja l-wirjiet ta' ritratti relatati mal-OHS. Matul is-sena komplet ukoll il-programm ta' pubblikazzjoni tagħha billi ppubblikat għaxar rapporti ġodda tal-Aġenzija, sitt studji fuq id-dokumentazzjoni, tliet skedi informattivi, 11-il fatt-e u firxa wiesgħa ta' artikli u materjal awdjoviżiv.

3. Netwerking u koordinazzjoni

F'termini ta' netwerking tal-UE u dak internazzjonali, żviluppi sinifikanti matul is-sena jinkludu l-involviment tal-partijiet interessati fit-tnejn tal-programm strateġiku multiannwali l-ġdid tal-Aġenzija, u t-tixrid kontinwu ta' informazzjoni dwar l-OHS fost l-istituzzjonijiet Ewropej, is-sħab fid-Djalogu Soċjali Ewropew u partijiet interessati Ewropej oħra.

L-Aġenzija qed tkompli taħdem biex tnejn lill-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi potenzjalment kandidati għall-involviment fl-attivitajiet OHS pan-Ewropej, pereżempju billi torganizza attivitajiet tal-kampanja f'dawn il-pajjiżi u tipproduċi materjali ta' informazzjoni tal-Aġenzija fil-lingwi rilevanti.

L-Uffiċċju ta' Kollegament ta' Brussell kompli jirrappreżenta lill-Aġenzija fir-rigward ta' wħud mis-sħab ewlenin tagħha fil-livell tal-UE, kif ukoll jipparteċipa fid-djalogu bejn l-UE u l-Istati Uniti fl-OHS. L-Aġenzija qiegħda wkoll tiġi involuta aktar fid-Djalogu Soċjali Ewropew u fil-Kumitati tad-Djalogu Soċjali Settorjali.



L-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (UE-OSHA) tikkontribwixxi biex tagħmel l-Ewropa post għax-xogħol iżjed sigur, li jġib 'il quddiem is-saħħa u iżjed produttiv. L-Aġenzija tirriċerka, tiżviluppa u tqassam informazzjoni dwar is-saħħa u s-sigurtà affi dabbli, bilanċjata u imparzjali u torganizza kampanji pan-Ewropej biex titqajjem sensibilizzazzjoni. Stabbilita mill-Unjoni Ewropea fl -1996 u bbażata f'Bilbao, Spanja, l-Aġenzija tlaqqa' fl imkien rappreżentanti mill-Kummissjoni Ewropea, il-gvernijiet tal-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u tal-ħaddiema, kif ukoll esperti maġġuri f'kull wieħed mis-27 Stat Membru tal-UE u lil hinn.

Traduzzjoni pprovduta miċ-Ċentru ta' Traduzzjoni (CdT, Lussemburgu), bbażata fuq test oriġinali bl-Ingliż.

**L-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà
fuq il-Post tax-Xogħol**
Gran Vía 33, 48009 Bilbao, SPANJA
Tel. +34 944794360
Faks +34 944794383
E-mail: information@osha.europa.eu